CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 08

It- Tnejn, 30 ta' Diċembru 2019

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Vici Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier
Camile Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-3.16pm.

**08.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

08.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġiji

**08.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

08.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tas- Seba' Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa

08.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**08.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

08.3.1 Is- Sindku talab lis- SE biex tintbgħat notifika lir- Reġjun Tramuntana fejn tfakkarhom fl-ittra li ntbgħatet lilhom fis- 6 ta' Diċembru 2019 fir-rigward tal-kont li ntbgħat mill-ARMS lill- Kunsill għas- CCTV li jinstab barra l-Mdina li mhix propjeta tagħna.. F'kaz li ma jkollnix risposta, nkellmu lill-Avukat tal-Kunsill biex jittieħdu l-azzjonijiet meħtieġa.

08.3.2 Is-Sindku infurma lill - Kunsill li fid-dawl ta' emendi l-ġodda li saru fl-Att li jirregola il-Kunsilli Lokali fejn fosthom, il-live streaming tal-laqgħat tal-Kunsilli issa iridu jiġu ukoll On Demand.

08.3.2.1 Il-Kunsill kien kellem lis- suppliers prezenti biex tizdid din is-servizz u tintbghat kwotazzjoni imma huma bgħatu jgħidulna li dan ma joffruħx izjed. Għalhekk il-Kunsill ġie ffaċċjat bi problema li riedet tissolva b'mod urġenti.

08.3.2.2 Tlabna għal zewġ kwotazzjonijiet oħra fejn l-unika kwotazzjoni li ntbgħatet kienet ta' Arkafort għas-somma ta' € 2946.46.

08.3.2.3 Għaldaqstant huwa kien qed jipproponi minħabba l-urġenza tagħha kif ukoll li ilna sa minn Ottubru nippruvaw insibu lil xi ħadd biex itina servizz ġdid, li, din il-kwotazzjoni tiġi approvata. Il-Kunsill approva

**08.4 Estimi Finanzjarji 2020**

08.4.1 IS- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra l-estimi finanzjarji għas-sena 2020 fejn l-allokazzjoni għal din is-sena ser tkun ta' € 251,803. Dawn l-estimi ser jiġu diskussi mar-residenti waqt laqgha tal-lokalita' li ser issir fit-8 ta' Jannar 2020. Wara jiġu approvati mill-Kunsill fil-laqgħa li jmiss.

## 08.5 Rapport Finanzjarju għat-Tlett Xhur minn Lulju sa Settemebru 2019

08.5.1 Is-SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra għal approvazzjoni ir-rapport finanzjarju għat-tlett xhur minn Lulju sa Settembru 2019. Kopja ngħatat lil kull Kunsillier qabel l-laqgħa.

08.5.2 Il-Kunsill approva dan ir-rapport. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw ir-rapport finanzjarju biex juru li huwa dokument korrett

## 08.6 Offerti Servizz ta' Knis (MLC5/2019)- Aġġudikazzjoni

08.6.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-rapport kif ukoll il-Minuti tal-Evalwazzjoni tal-Offerti Servizz ta' knis MLC5/2019. Kopja ta` dawn ingħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa

08.6.2 F'dan ir-rigward, il-Kunsill unanimament qabel li jilqa` r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni li għandha tingħażel l-offerta ta' Waste Collection Ltd li kienet konformi kemm amministrattivament, teknikament li ħadmet abbazi tal-BPQR, kif ukoll l-offerta li ntefgħet u għaldaqstant dan ir-rapport kif ukoll il-minuti ġew approvati.

## 08.7 Korrispondenza

08.7.1 Ma kien hemm ebda korrispondenza.

## 08.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

08.8.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tat-30 ta' Diċembru 2019, (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 13,744.06

08.8.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera Camille Scerri li kienet issekondata mill- Kunsilliera Maryann Sultana. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata miż-żewġ kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

## 08.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss

08.9.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil-16.56pm u ġiet aġġornata għat-30 ta' Diċembru 2019 fit-3pm

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| ____________ | ____________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Data: 20-01-2020_______